# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-8 ta' Novembru 2021

**Rikors Numru : 343/2021 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**CM**

**Vs**

**ID**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' CM datat 5 ta' Awwissu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi hija kkuntrattat unjoni civili fil Westin Dragonara, San Giljan, mal-intimata ID fil-hamsa (5) ta Awissu tas sena elfejn u sbatax (2017) skond certifikat taz zwieg hawn anness u mmarkat Dok "A";*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u affetwaw is-separazzjoni personali permezz ta kuntratt ppubblikat fit-tnejn (2) ta Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) minn Nutar Dottor Joseph Debono skond kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok "B".*

*Illi minn din l-unjoni civili ma twieldux tfal;*

*Illi l-possibilta ta rikonciljazzjoni mas-siehba giet diskussa ma l-Avukat sottoskritta u inghatat mill-istess Avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta rikonciljazzjoni bejn il-partijiet fl-unjoni civili skond dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok "C", izda l-esponenti esprimiet ruhha*

*fin negattiv.*

*Illi ghalhekk ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw ghad dritt tal manteniment minghand xulxin skond l-artikolu tnejn (2) tal kuntratt ta separazzjoni surreferit;*

*Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet, senjatament l-artikolu 66B (b) tal Kodici Civili (Kap XVI tal Ligijiet ta Malta);*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti CM titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha tiddikjara li l-unjoni civili taghha ma ID hu mahlul u li ghal dan il ghan tippronunzja d-divorzju bejn il partijiet u ghal kull fini u effetti kollha tal-Ligi tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minnha, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk l-istess divorjzu ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta l-annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok "A";*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ID datata 2 ta' Settembru 2021, a fol 12 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti tikkonferma li l-kontendenti zzewwgu fil-5 t'Awwissu, 2017 u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono fit-2 ta' Dicembru, 2019.*

*Illi l-esponenti tikkonferma li l-kontendenti ilhom separati ghal aktar minn sena.*

*Illi m'hemmx kwistjonijiet pendenti bejniethom dwar manteniment u m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni.*

*Illi flimkien ma' din ir-risposta, l-esponenti qed tipprezenta l-affidavit taghha in sostenn tal-premess (Dok. ID 1).*

*Illi ghalhekk l-esponenti tissottometti li filwaqt li hija m'ghandhiex oggezzjoni li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti, l-ispejjez kollha ghal tali procedura ghandhom jigu ssoportati mir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**ID** xehdet (vide affidavit fol 13) illi l-kontendenti izzewwgu nhar il-5 ta' Awwissu 2017 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono u dana fit-2 ta' Dicembru 2019. Ikkonfermat illi mid-data tas-separazzjoni l-kontendenti qatt ma rrikonciljaw u ma hemm ebda tama tal-istess. Finalment iddikjarat li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**CM** xehdet (vide affidavit fol 15) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehdet Deguara.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu*

***separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 t'Awwissu 2017, liema zwieg jgib certifikat numru 43/2017 (Vide Dok A fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, datat 2 ta' Dicembru 2019 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal perjodu itwal miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 43/2017 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**